ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea C 75

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti Informazzjoni u Avviżi 26 ta' Marzu 2008

Avviż Nru Werrej Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Kunsill

2008/C 75/01 Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tas-17 ta' Marzu 2008 ta' dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltajiet fl-Unjoni Ewropea 1

OPINJONIJIET

Kunsill

2008/C 75/02 Opinjoni tal-Kunsill ta' l-4 ta' Marzu 2008 dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat ta' Spanja, 2007-2010 5

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni

2008/C 75/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5037 — Beko Elektronik/Grundig Multimedia) ([1]) 9

MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Kunsill

2008/C 75/04 Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Marzu 2008 li taħtar u tissostitwixxi xi membri tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali 10

Kummissjoni

2008/C 75/05 Rata tal-kambju ta' l-euro 12

2008/C 75/06 Rata tal-kambju ta' l-euro 13

2008/C 75/07 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti mogħtija waqt l-423 laqgħa tiegħu fid-9 ta' Frar 2007 dwar abbozz ta' deċiżjoni fil-Każ COMP/E-1/38.823 — Liftijiet u *Escalators* 14

2008/C 75/08 Rapport finali ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ dwar il-proċedura fil-Każ COMP/E-1/38.823 — Liftijiet u *Escalators* *(Skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-uffiċjali tas-seduta f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni — ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)* 15

2008/C 75/09 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-prattiċi restrittivi u l-pożizzjonijiet dominanti mogħtija waqt l-424 laqgħa tiegħu fis-16 ta' Frar 2007 dwar abbozz ta' deċiżjoni relatata mal-Każ COMP/E-1/38.823 — Liftijiet u *Escalators* 18

2008/C 75/10 Is-sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2007 dwar provvediment skond l-Artikolu 81 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Każ COMP/E-1/38.823 — Liftijiet u Eskalejters) *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 512 finali)* 19

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Kummissjoni

2008/C 75/11 Avviż ta' l-iskadenza ta' ċerti miżuri pendenti kontra d-dumping 25

Avviż

MT

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

KUNSILL

Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tas-17 ta' Marzu 2008 ta' dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltajiet fl-Unjoni Ewropea

(2008/C 75/01)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

Waqt li jfakkru li:

1. il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni tan-NU") adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-wieħed u sittin sessjoni tagħha f'Diċembru 2006 mhux biss tikkonferma li d-diżabbiltà hija kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem u materja ta' liġi, iżda wkoll timmira li tiżgura li l-persuni b'diżabbiltà jgawdu d-drittijiet tal-bniedem fuq bażi indaqs ma' l-oħrajn;

2. id-dikjarazzjoni dwar il-persuni b'diżabbiltà annessa għat-Trattat ta' Amsterdam tipprovdi li l-istituzzjonijiet tal-Komunità għandhom jieħdu kont tal-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltajiet waqt it-tfassil ta' miżuri taħt l-Artikolu 95 tat-Trattat;

3. il-Kunsill adotta konklużjonijiet f'Diċembru 2003 dwar is-segwitu għas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabbiltajiet, li jendorsjaw inklużjoni soċjali komprensiva u l-kisba sħiħa ta' opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabbiltajiet bħala l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Diżabbiltà għall-2004-2010;

4. il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Diżabbiltà għall-2004-2010 jenfasizza tliet objettivi operattivi: l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi ([1]), l-integrazzjoni b'suċċess tal-kwistjonijiet ta' diżabbiltà fil-linji politiċi Komunitarji rilevanti, u t-titjib ta' l-aċċessibilità għal kulħadd;

5. il-prinċipji bażiċi li jimmiraw għall-iżgurar tat-tgawdija effettiva ndaqs tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet minn persuni b'diżabbiltajiet taħt il-Konvenzjoni tan-NU huma: id-dinjità u l-awtonomija individwali, in-non-diskriminazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva fis-soċjetà u fil-qasam tax-xogħol, ir-rispett għad-differenza, l-ugwaljanza fl-opportunità, l-aċċessibbiltà, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha mit-tfal;

6. fl-ewwel laqgħa ministerjali informali dwar il-kwistjonijiet ta' diżabbiltà fil-11 ta' Ġunju 2007, il-Konvenzjoni tan-NU ġiet endorsjata bħala pass fundamentali għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-persuni kollha b'diżabbiltajiet. Il-ministri impenjaw ruħhom li jiżviluppaw aktar il-linji politiċi sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni u appellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li l-prijoritajiet il-ġodda tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Diżabbiltà jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU;

7. fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar is-Segwitu għas-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd (2007) ([2]) adottata f'Diċembru 2007, il-Kunsill appella lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex ikomplu l-proċess ta' ffirmar, konklużjoni u ratifika tal-Konvenzjoni tan-NU.

Jilqgħu:

1. il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fl-Unjoni Ewropea: il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew 2008-2009, li jiddeskrivi f'termini tanġibbli l-impenn Ewropew li jiġi żgurat li l-persuni b'diżabbiltajiet jiġu indirizzati bħala ċittadini u atturi soċjo-ekonomiċi attivi li jikkontribwixxu għall-bini ta' Ewropea sostenibbli u koeżiva li toffri opportunitajiet indaqs għal kulħadd. L-azzjonijiet kollha f'dan il-Pjan jimmiraw biex jintlaħqu l-ħtiġijiet individwali u diversi tal-persuni b'diżabbiltajiet;

([1]) Direttiva 2000/78/KE. (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

([2]) ĠU C 308, 19.12.2007, p. 1.

2. ir-riżultati miskuba fl-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Diżabbiltà (2006-2007), li jenfasizza d-dinjità, id-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, il-ġustizzja u l-koeżjoni soċjali. Issa huwa rikonoxxut b'mod ġenerali li l-integrazzjoni hija s-sigriet għall-avvanzar fil-kwistjonijiet ta' diżabbiltà u għaldaqstant, il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diżabbiltà inkoraġġixxa l-attività u ppromwova l-aċċess għas-servizzi soċjali waqt li rawwem prodotti u servizzi aċċessibbli;

3. il-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar miżuri ġodda kontra d-diskriminazzjoni biex tiġi ttrattata d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-reliġjon, it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali f'oqsma lil hinn mill-impjiegi;

4. il-progress li nkiseb mill-Istati Membri u l-Komunità Ewropea wara l-firma tal-Konvenzjoni tan-NU;

5. il-konverġenza tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Diżabbiltà u l-Konvenzjoni tan-NU.

Jirrikonoxxu li:

1. il-persuni b'diżabbiltajiet sikwit jibqgħu żvantaġġjati u marġinati, speċjalment fil-qasam tax-xogħol. Aċċess insuffiċjenti għas-suq tax-xogħol jista' jfisser li persuni b'diżabbiltajiet jitqiegħdu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli fis-soċjetà u jiġu esposti għal riskji serji ta' diskriminazzjoni, faqar u esklużjoni soċjali;

2. għalkemm f'xi Stati Membri r-rata tal-qgħad tal-persuni b'diżabbiltajiet tibqa' għolja, fi Stati Membri oħra r-rati ta' impjieg qed jogħlew. Dan juri li l-isforzi nazzjonali kif ukoll dawk Ewropej huma dejjem aktar effettivi u għandhom jiġu segwiti u mtejba aktar;

3. analiżi ta' l-aktar data reċenti tikkonferma r-rabta qawwija bejn id-diżabbiltà u x-xjuħija. In-numru ta' persuni xjuħ inkluż persuni xjuħ b'diżabbiltajiet, qiegħed jikber, u hemm ħtieġa li qed tikber fil-Komunità għal prodotti, servizzi u infrastruttura aċċessibbli. Is-settur tas-servizzi soċjali qiegħed fil-fatt jespandi, u li jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni li qed tixjieħ ser ifisser ukoll il-ħolqien ta' xogħolijiet ġodda;

4. l-effett kumulattiv tas-sess u d-diżabbiltà jimplika li n-nisa b'diżabbiltajiet sikwit jiffaċċjaw diversi forom ta' diskriminazzjoni, ikollhom inqas indipendenza, inqas aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjiegi u s-servizzi tas-saħħa, u għalhekk sikwit jiffaċċjaw riskju akbar ta' esklużjoni, faqar u abbuż;

Jissottolinjaw li:

1. l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Diżabbiltà tenfasizza l-importanza ta' aċċess indaqs għal edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja inklussivi u ta' kwalità, li huma kruċjali biex persuni b'diżabbiltajiet ikunu jistgħu jipparteċipaw bi sħiħ fis-soċjetà u jtejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom;

2. l-ambjenti mibnija b'mod aċċessibbli, it-trasport u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT), kemm f'żoni urbani kif ukoll rurali, huma kruċjali biex tiġi realizzata soċjetà li tipprovdi aċċess ġenwin għad-drittijiet indaqs, li toffri liċ-ċittadini tagħha awtonomija reali u l-mezzi biex ifittxu ħajjiet ekonomiċi u soċjali indipendenti u attivi. Tali aċċessibilità tirrappreżenta xejn anqas mill-pedament ta' soċjetà inklussiva bbażata fuq in-non-diskriminazzjoni;

3. l-istatistika dwar id-diżabbiltà hija meħtieġa biex tiġi stabbilita stampa tas-sitwazzjoni ġenerali tal-persuni b'diżabbiltajiet fl-Ewropa. Tali data ta' l-istatistika u tar-riċerka tippermetti li jiġu fformulati u implimentati fil-livelli differenti tat-tmexxija linji politiċi informati dwar id-diżabbiltà;

4. persuni b'diżabbiltajiet u l-organizzazzjonijiet tagħhom fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom jiġu rrikonoxxuti mill-Istati Membri bħala li għandhom rwol konsultattiv importanti meta jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar materji ta' diżabbiltà u jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet.

Jistiednu lill-Kummissjoni biex:

1. issaħħaħ l-isforzi biex tipprevjeni u tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà, ġewwa u barra s-suq tax-xogħol, waqt li tippromwovi l-aċċess kemm għas-suq tax-xogħol u kif ukoll għal prodotti u servizzi, f'konformità ma' l-istrateġija qafas għan-non-diskriminazzjoni;

2. tippreżenta malajr kemm jista' jkun proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-NU u biex timplimenta l-Konvenzjoni fl-oqsma ta' kompetenza Komunitarja;

3. tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU fil-livelli differenti tat-tmexxija, b'mod partikolari wara l-konklużjoni tagħha mill-Komunità u r-ratifika mill-Istati Membri, inkluż permezz ta' sensibilizzazzjoni u permezz ta' finanzjament ta' attivitajiet taħt il-programmi Komunitarji eżistenti bħall-Programm Progress ([1]).

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1).

Jistiednu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex jiżguraw

1. Li l-persuni b'diżabbiltajiet igawdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom bi sħiħ, billi:

(a) jirratifikaw u jikkonkludu, u mbagħad jimplimentaw il-Konvenzjoni tan-NU, waqt li jinkludu soluzzjonijiet Ewropej kondiviżi fi ħdan approċċ koerenti u koordinat għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU;

(b) jiżviluppaw aktar taħlita ta' politika komprensiva ta' l-istrumenti xierqa kollha bil-ħsieb kemm ta' l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kif ukoll ta' l-inklużjoni fis-soċjetà ta' persuni b'diżabbiltajiet, ibbażata fuq l-approċċ tad-drittijiet tal-bniedem u l-integrazzjoni tad-diżabbiltà;

(c) jinkoraġġixxu lill-persuni b'diżabbiltajiet biex ikunu attivi fil-forza tax-xogħol billi jiżguraw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra d-diskriminazzjoni, appoġġ attiv, u t-tneħħija ta' l-ostakoli;

(d) jindirizzaw il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni multipla ta' nisa b'diżabbiltajiet u jiffaċilitaw l-iżvilupp sħiħ, l-avvanz u l-emanċipazzjoni tagħhom;

(e) jieħdu miżuri biex il-persuni b'diżabbiltajiet ikunu jistgħu, sakemm hu possibbli, jgħixu b'mod indipendenti, jiġu inklużi fil-komunità, u jkollhom aċċess għal kura ta' kwalità u servizzi ta' appoġġ;

(f) jirrinforzaw l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' diżabbiltà, waqt li jibnu fuq l-isforzi li saru mill-Istati Membri biex jobbligaw lill-korpi pubbliċi biex jippromwovu l-ugwaljanza ta' l-opportunitajiet għall-persuni b'diżabbiltajiet;

(g) jappoġġaw aktar lill-Istati Membri u l-komunitajiet reġjonali u lokali fil-proċess ta' de-istituzzjonalizzazzjoni kull meta dan ikun ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabbiltajiet;

(h) jeżaminaw kwalunkwe lakuna li tista' teżisti fil-qafas leġislattiv Komunitarju attwali ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, b'mod partikolari għar-raġunijiet ta' diżabbiltà, u jikkunsidraw risposti xierqa u mmirati;

(i) isaħħu l-kapaċitajiet kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq il-livell Komunitarju biex tinġabar u tiġi analizzata informazzjoni xierqa, inkluż data statistika u ta' riċerka, f'konformità mas-salvagwardji legali u r-regoli ta' protezzjoni tad-data.

2. Aċċessibbiltà għal nies b'diżabbiltajiet:

(a) it-titjib ta' l-aċċessibilità hija prekondizzjoni għall-awtonomija, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni, u tippermetti lil nies b'diżabbiltajiet biex igawdu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

(b) it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol permezz ta' kombinazzoni ta' skemi flessibbli ta' impjiegi, impjiegi b'appoġġ, ekonomija soċjali, inklużjoni attiva u miżuri pożittivi bħal servizzi ta' appoġġ, sussidji għall-pagi, adattamenti tal-post tax-xogħol, l-użu ta' teknoloġiji assistivi u assistenza personali, ser iwassal għal opportunitajiet ta' impjiegi aħjar għall-persuni kollha b'diżabbiltajiet u jtejjeb ukoll il-produttività;

(c) il-persuni b'diżabbiltajiet għandhom jiġu provduti b'aċċess tajjeb għall-edukazzjoni u għandhom jittieħdu miżuri speċifiċi, fejn xieraq, biex it-tfal b'diżabbiltajiet ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-edukazzjoni ewlenija;

(d) l-użu tal-Fondi Strutturali, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), biex jiġu appoġġati l-impjiegi, it-taħriġ u l-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabbiltajiet għandhom jiġu promossi aktar;

(e) il-ħidma li għaddejja fuq l-iżvilupp ta' standards Ewropej kondiviżi għall-aċċessibilità għandu jiġu promoss u l-applikazzoni tagħhom fl-akkwist pubbliku għandha tiġi nkoraġġuta;

(f) is-servizzi ta' kwalità ta' interess ġenerali, inkluż is-servizzi soċjali, tas-saħħa u tar-rijabilitazzjoni, għandhom isiru aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltajiet u l-familji tagħhom permezz ta' l-iżvilupp ta' oqsfa volontarji ta' kwalità fl-Ewropa kollha;

(g) l-inklużjoni taċ-ċittadini kollha fis-Soċjetà ta' l-Informazzjoni għandha tiġi promossa f'konformità mad-dikjarazzjoni ta' Riga dwar l-inklużjoni elettronika bl-iżvilupp ta' teknoloġiji aċċessibbli ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni u permezz ta' teknoloġiji assistivi għal persuni b'diżabbiltajiet;

(h) l-aċċess għall-prodotti, is-servizzi u l-infrastruttura ewlenin għandu jiġi mtejjeb, sabiex il-persuni b'diżabbiltà jingħataw is-setgħa li jaġixxu bħala konsumaturi;

(i) il-persuni b'diżabbiltajiet għandhom jiġu ggarantiti tgawdija sħiħa tad-drittijiet tagħhom bħala passiġieri safejn huwa raġonevolament possibbli, u d-drittijiet tagħhom għandhom jiġu assigurati permezz tal-promozzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea relevanti dwar it-trasport;

(j) għandhom jiġu promossi d-drittijiet tal-persuni kollha b'diżabbiltà li jiġu inklużi fis-soċjetà u, kull fejn huwa xieraq, għandha tiġi inkoraġġuta s-sostituzzjoni gradwali ta' l-istituzzjonijiet tal-kura b'alternattivi bbażati fuq il-komunità.

3. Dik il-ħidma tibda fuq strateġija Ewropea dwar id-diżabbiltà bħala suċċessur tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Diżabbiltà 2004-2010 attwali, inkluż permezz ta'

(a) l-implimentazzjoni bi sħiħ tal-Pjan ta' Azzoni Ewropew 2008-2009;

(b) l-ivvalutar ta' kif l-azzjonijiet nazzjonali jirriflettu l-impenji magħmula mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri biex jimplimentaw bi sħiħ il-Konvenzjoni tan-NU fil-livell Ewropew, u l-ikkunsidrar li jiġu stabbiliti miri nazzjonali konsistenti u komparabbli għal dak l-għan.

L-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea huma mistiedna:

jkomplu l-isforzi tagħhom biex jipprovdu trattament u opportunitajiet ugwali lill-applikanti kollha għall-impjieg, inklużi nies b'diżabbiltajiet. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea huma mħeġġa jtejjbu aktar l-aċċessibilità tal-bini u faċilitajiet tagħhom stess.

Jistiednu lill-persuni b'diżabbiltajiet u l-organizzazzjonijiet tagħhom:

4. biex ikomplu l-koordinazzjoni tagħhom sabiex jikkomunikaw il-ħtiġiet tagħhom lil dawk li jfasslu l-politika u biex jidentifikaw u janalizzzaw l-għażliet ta' politika;

5. biex jipparteċipaw fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Diżabbiltà u l-Konvenzjoni tan-NU flimkien mal-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Jistiednu lill-partijiet interessati kollha biex:

1. iżommu djalogu (inkluż il-persuni b'diżabbiltajiet u l-organizzazzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi, u l-imsieħba soċjali) sabiex jifhmu l-ħtiġiet ta' xulxin u jiġġeneraw soluzzjonijiet kunsenswali;

2. jużaw l-opportunitajiet ipprovduti mill-parteċipazzjoni tagħhom fill-Grupp ta' Livell Għoli ta' l-UE dwar id-Diżabbiltà sabiex isostnu l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' diżabbiltà fil-linji politiċi Komunitarji.

Jistiednu lill-Presidenzi futuri:

biex ikomplu jsaħħu l-approċċ Ewropew tad-drittijiet tal-bniedem għad-diżabbiltà, waqt li jiżguraw inklużjoni soċjali komprensiva u l-kisba sħiħa ta' opportunitajiet indaqs għal persuni b'diżabbiltajiet u, għal dak l-għan, biex iżommu d-djalogu u l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità, l-Istati Membri, l-persuni b'diżabbiltajiet u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u partijiet interessati oħra.

OPINJONIJIET

KUNSILL

OPINJONI TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Marzu 2008

dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat ta' Spanja, 2007-2010

(2008/C 75/02)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

(1) Fl-4 ta' Marzu 2008 l-Kunsill eżamina l-programm aġġornat ta' stabbiltà ta' Spanja, li jkopri l-perijodu bejn l-2007 u l-2010 ([2]).

(2) Spanja ilha tgawdi minn perijodu twil ta' tkabbir sostnut b'medja ta' 3,75 % tul dawn l-aħħar tnax-il sena, 'il fuq sew miż-żona euro (madwar 2 %). Ir-rati persistentement baxxi ta' imgħax reali u d-demografija dinamika żiedu d-domanda domestika qawwija u l-ħolqien ta' l-impjiegi kif ukoll tkabbir mingħajr preċedent fis-settur tad-djar.

Barra minn hekk, ir-riformi suċċessivi fis-suq tax-xogħol naqqsu b'mod sinifikanti l-qgħad strutturali. B'mod parallel, tfaċċaw jew qed jippersistu għadd ta' żbilanċi, bħal defiċit estern li qed jikber u d-differenzjal ta' l-inflazzjoni maż-żona euro, waqt li t-tkabbir fil-produttività kien konsistentament baxx. Fir-rigward tal-finanzi pubbliċi, sa min-nofs id-disgħinijiet seħħ proċess ta' konsolidazzjoni b'suċċess ibbażat fuq in-nefqa, li tejjeb il-bilanċ tal-gvern minn defiċit ta' madwar 6 % tal-PGD għal pożizzjoni qrib ta' bilanċ fl-2000 u bilanċ favorevoli tajjeb sa mill-2005. It-total tad-dħul mit-taxxa żdied b'madwar 4,25 punti perċentwali tal-PGD minn nofs id-disgħinijiet appoġġat minn xejra tat-tkabbir b'taxxa għolja. Għall-ġejjieni, it-tixjiħ tal-popolazzjoni jista' jkollu impatt negattiv fuq is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, prinċipalment bħala riżultat ta' pressjoni dejjem akbar mill-infiq fuq il-pensjonijiet.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1055/2005 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 1). Id-dokumenti li ssir referenza għalihom f'dan it-test jinsabu fuq is-sit web li ġej: http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_en.htm.

([2]) L-aġġornament ġie ppreżentat aktar minn 3 ġimgħat wara l-iskadenza ta' l-1 ta' Diċembru stipulata fil-kodiċi ta' kondotta.

(3) Ix-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-programm jipprevedi li t-tkabbir reali tal-PGD ser jinżel minn 3,8 % fl-2007 għal 3,1 % bħala medja matul il-bqija tal-perijodu tal-programm. Evalwat skond l-informazzjoni disponibbli bħalissa ([1]), dan ix-xenarju jidher li huwa favorevoli matul il-perijodu tal-programm. Fl-2008, il-pressjonijiet ta' l-inflazzjoni, l-aspettattivi aktar baxxi ta' tkabbir, kif ukoll l-iżviluppi fis-settur tad-djar huma mistennija li jkunu ta' piż fuq id-dħul disponibbli u jimmiraw lejn tkabbir tal-PGD aktar baxx milli proġettat fil-programm. Barra minn hekk il-kompożizzjoni tat-tkabbir ippreżentata fil-programm hija favorevoli, b'mod partikolari rigward il-pjan ta' aġġustament tas-settur tal-kostruzzjoni residenzjali. Filwaqt li l-programm jistenna tnaqqis ta' investiment fl-abitazzjonijiet, it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2007 jipproġetta kontrazzjoni tas-settur, b'bidu diġà fl-2008, u jimplika staġnar ta' l-investiment totali fl-2009. Madankollu, minħabba importazzjonijiet aktar baxxi l-kontribuzzjoni ta' l-esportazzjonijiet netti għat-tkabbir tista' titjieb meta mqabbla mal-programm. Fl-aħħarnett, il-projezzjonijiet tal-programm għall-inflazzjoni jidher li huwa baxx fid-dawl ta' l-aħħar informazzjoni disponibbli dwar il-prezzijiet ta' l-ikel u ż-żejt.

(4) Għall-2007, il-bilanċ favorevoli ġenerali tal-gvern huwa stmat li jkun 1,8 % tal-PGD fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2007, imqabbel ma' mira ta' 1 % tal-PGD stipulata fl-aġġornament preċedenti tal-programm ta' stabbiltà. Nofs id-differenza tista' tiġi spjegata mill-effett bażi pożittiv mill-2006. In-nofs l-ieħor jirriżulta minn żieda fid-dħul ogħla minn dik prevista fl-2007, li madankollu parzjalment għamlet tajjeb għaliha ż-żieda fin-nefqa ogħla milli bbaġitjata. Informazzjoni reċenti tindika l-possibbiltà ta' riżultat aħħari aħjar 'il fuq minn 2 % tal-PGD, minħabba dħul saħansitra ogħla milli mistenni fl-2007, speċjalment minn taxxi diretti, filwaqt li jirrifletti d-dinamiżmu għoli tal-profitti tal-kumpanniji. Ir-riżultati baġitarji aħjar milli mistennija fl-2006 ntużaw biex ikunu segwiti miri baġitarji aktar ambizzjużi minn dawk stabbiliti fl-aġġornament ta' tmiem l-2006 tal-programm ta' stabbiltà, għalkemm kien irreġistrat xi nfiq żejjed muniċipali u reġjonali. Il-Kunsill jinnota li l-implimentazzjoni baġitarja fl-2007 kienet ġeneralment konsistenti ma' l-orjentazzjonijiet ta' l-Eurogroup ta' April 2007 għal-linji politiċi baġitarji.

(5) Fl-għan ġenerali li tinżamm stabbiltà makroekonomika u baġitarja, l-aħħar aġġornament tal-programm ta' stabbiltà jimmira li jirrispetta l-objettiv għall-perijodu medju (MTO), li hija pożizzjoni bbilanċjata f'termini strutturali (jiġifieri f'termini aġġustati ċiklikament mingħajr miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn), b'marġni komdu. Il-bilanċ favorevoli nominali ġenerali tal-gvern huwa mmirat li jonqos minn 1,8 % tal-PGD fl-2007 għal 1,2 % tal-PGD fl-2008 u li jibqa' stabbli minn hemm 'il quddiem. Id-deterjorament fl-2008 joħroġ minn żieda żgħira fil-proporzjon ta' l-infiq u tnaqqis fil-proporzjon tad-dħul ta' 0,5 punt perċentwali tal-PGD. It-taxxi diretti huma mistennija li jonqsu bi 0,25 ta' punt perċentwali tal-PGD fl-2008 b'riżultat tat-tkabbir ekonomiku aktar baxx u l-impatt kontinwu tar-riforma tat-taxxa ta' l-2007. Wara l-2008, il-komponenti tad-dħul u ta' l-infiq huma maħsuba li jibqgħu ġeneralment stabbli. Il-bilanċ primarju huwa ppjanat li jonqos minn bilanċ favorevoli stmat ta' 3,4 % tal-PGD fl-2007 għal 2,7 % fl-2008, u jibqa' ġeneralment stabbli minn hemm 'il quddiem. Il-bilanċ strutturali kkalkolat skond il-metodoloġija miftiehma komunement huwa proġettat li jonqos bi ftit minn 2,25 % fl-2007 għal 1,75 % fl-2008 u li jiżdied għal madwar 2 % fl-2009 u fl-2010. Meta mqabbel mal-programm preċedenti, l-aġġornament il-ġdid jippreżenta, bis-saħħa ta' riżultat fl-2007 aħjar milli mistenni, miri kemmxejn aħjar għall-2008 u l-2009 fi sfond makroekonomiku ġeneralment simili.

(6) Ir-riskji tal-projezzjonijiet baġitarji fil-programm jidhru li huma ġeneralment ibbilanċjati fl-2008, iżda r-riżultati jistgħu jkunu agħar minn dawk imbassra fl-2009 u fl-2010. Speċifikament, fl-2008, l-impatt ta' tkabbir ekonomiku possibbilment aktar baxx għandu jkun ġeneralment ibbilanċjat b'effett bażi pożittiv minn dħul fl-2007 ogħla minn dak stmat fil-programm. Madankollu, is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi favorevoli għall-2009 u l-2010 mhux ser ikunu kkumpensati b'fatturi oħrajn, u dan jindika r-riskju ta' bilanċi favorevoli baġitarji aktar baxxi. B'mod partikolari, il-projezzjonijiet tad-dħul mit-taxxi jistgħu jirriżultaw ottimistiċi minħabba tnaqqis fid-dinamiċità tal-qligħ tal-kumpanniji u s-suq tad-djar. Min-naħa l-oħra, Spanja għandha rekord tajjeb fil-konsolidazzjoni baġitarja.

(7) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni tar-riskju, il-qagħda baġitarja fil-programm tidher biżżejjed biex jinżamm l-MTO b'marġni mdaqqas matul il-perijodu tal-programm. Il-qagħda tal-politika fiskali implikata mill-aġġornament hija konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir matul il-perijodu kollu. Il-Kunsill jinnota li hija konsistenti wkoll ma' l-orjentazzjonijiet ta' l-Eurogroup ta' April 2007 għal-linji politiċi

([1]) Il-valutazzjoni tqis ukoll it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2007 u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tar-rapport ta' implimentazzjoni ta' Ottubru 2007 tal-programm nazzjonali ta' riforma.

baġitarji għas-sena 2008. Id-dgħjufija proġettata fil-bilanċ favorevoli strutturali fl-2008 ma tistax titqies li qed toħloq qagħda proċiklika iżda tirrifletti parzjalment tnaqqis fid-dħul mit-taxxi bħala perċentwal tal-PGD li jirriżulta minn ekonomija li qed tnaqqas fil-pass u ż-żieda qawwija fil-qasam taddjar li qed jispiċċa.

(8) Spanja tidher li tinsab f'riksju medju fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. L-impatt baġitarju fit-tul tat-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa ferm ogħla mill-medja fl-UE, partikolarment b'riżultat ta' żieda relattivament għolja fl-infiq fuq il-pensjonijiet bħala proporzjon tal-PGD tul id-deċennji li ġejjin. Il-pożizzjoni baġitarja fl-2007, riflessa f'bilanċ favorevoli primarju b'saħħtu kif ukoll fi proporzjoni ta' dejn baxx u li qed jinqos, tikkontribwixxi għat-tpaċija ta' l-impatt baġitarju fit-tul proġettat tat-tixjiħ tal-popolazzjonijiet. Madankollu, dan mhuwiex biżżejjed biex ikopri għal kollox il-pressjonijiet ta' l-infiq futur. Iż-żamma ta' bilanċi favorevoli primarji għolja għall-perijodu medju u l-implimentazzjonijiet ta' aktar miżuri mmirati li jrażżnu ż-żieda sostanzjali fl-infiq marbut ma' l-età għandhom jgħinu biex jitnaqqsu r-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

(9) Il-programm ta' stabbiltà huwa konsistenti għal kollox mar-rapport ta' implimentazzjoni ta' Ottubru 2007 tal-programm ta' riforma nazzjonali (PRN). B'mod partikolari, l-aġġornament jipprovdi valutazzjoni kwalitattiva ta' l-impatt globali tal-PRN fl-istrateġija fiskali għall-perijodu medju kif ukoll informazzjoni biżżejjed dwar l-ispejjeż baġitarji diretti marbuta ma' xi wħud mir-riformi previsti fil-PRN, p.eż. ir-R&Ż, l-edukazzjoni u l-infrastrutturi.

(10) L-istrateġija baġitarja fil-programm hija ġeneralment konsistenti mal-linji gwida ġenerali dwar il-politika ekonomika u speċifiċi għall-pajjiż u l-linji gwida għall-Istati Membri fiż-żona euro fil-qasam tal-politika baġitarja maħruġa fil-kuntest ta' l-istrateġija ta' Lisbona.

(11) Fir-rigward tar-rekwiżiti tad-data speċifikati fil-kodiċi ta' kondotta għall-programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm jagħti kważi d-data kollha meħtieġa u fih xi nuqqasijiet fid-data fakultattiva ([1]).

Il-konklużjoni globali hija li l-pożizzjoni baġitarja għall-perijodu medju hija soda b'bilanċi favorevoli ġenerali tal-gvern għolja 'il fuq mill-MTO u proporzjon ta' dejn relattivament baxx. Madankollu, minħabba s-suppożizzjonijiet ta' tkabbir ekonomiku favorevoli u t-tmiem taż-żieda qawwija fil-qasam tad-djar, id-dħul proġettat tal-gvern jista' jirriżulta għoli. F'dan il-kuntest, valutazzjoni bir-reqqa ta' l-impatt fuq il-bilanċ ġenerali tal-gvern ta' qtugħ permanenti fit-taxxi u/jew żidiet fin-nefqa ser tkun kruċjali biex tinżamm pożizzjoni baġitarja b'saħħitha u biex tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, li tinsab f'riskju medju. It-trawwim ta' elementi ta' l-infiq li jsaħħu l-produttività, bħar-R&Ż, l-infrastruttura u l-edukazzjoni, huwa importanti biex jiġi sostnut l-aġġustament bla xkiel ta' l-ekonomija fid-dawl ta' l-iżbilanċi esterni kbar, il-kontrazzjoni tas-settur tad-djar u d-differenzjal eżistenti ta' l-inflazzjoni maż-żona euro.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, filwaqt li żżomm pożizzjoni baġitarja b'saħħitha, Spanja hi mistiedna li ttejjeb aktar is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi b'miżuri addizzjonali biex tikkontrolla l-impatt futur tat-tixjiħ fuq il-programmi ta' l-infiq.

Spanja hi mistiedna wkoll biex ittejjeb il-konformità ma' l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-programmi ta' stabbiltà u ta' konverġenza speċifikati fil-kodiċi ta' kondotta.

Tqabbil tal-projezzjonijiet makroekonomiċi u baġitarji ewlenin

		2006	2007	2008	2009	2010
PGD reali (% bidla)	**PS Diċ 2007**	**3,9**	**3,8**	**3,1**	**3,0**	**3,2**
	COM Nov 2007	3,9	3,8	3,0	2,3	m.a.
	PS Diċ 2006	*3,8*	*3,4*	*3,3*	*3,3*	*m.a.*

([1]) B'mod patikolari, it-tabella 1b (l-iżviluppi fil-prezzijiet), punt 3 (IAPK); it-tabella 1c (l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol), punt 6 (il-kumpens ta' l-impjegati) u d-data dwar il-klassifikazzjoni funzjonali tan-nefqa pubblika huma neqsin.

		2006	2007	2008	2009	2010
Inflazzjoni ta' l-IAPK (%)	**PS Diċ 2007** ([4])	**3,4**	**2,7**	**3,3**	**2,7**	**2,8**
	COM Nov 2007	3,6	2,6	2,9	2,7	m.a.
	PS Diċ 2006 ([4])	*3,5*	*2,7*	*2,6*	*2,5*	*m.a.*
Differenza fil-produzzjoni ([1]) (% tal-PGD potenzjali)	**PS Diċ 2007**	**– 1,1**	**– 0,9**	**– 1,4**	**– 1,9**	**– 1,6**
	COM Nov 2007 ([2])	– 0,6	– 0,5	– 0,9	– 1,8	m.a.
	PS Diċ 2006	*– 0,9*	*– 1,2*	*– 1,5*	*– 1,6*	*m.a.*
Self nett ('il barra u 'l ġewwa) fir-rigward tal-bqija tad-dinja (% tal-PGD)	**PS Diċ 2007**	**– 8,1**	**– 9,0**	**– 8,9**	**– 8,8**	**– 8,7**
	COM Nov 2007	– 8,1	– 8,7	– 9,1	– 9,3	m.a.
	PS Diċ 2006	*– 7,5*	*– 8,2*	*– 8,4*	*– 8,7*	*m.a.*
Bilanċ ġenerali tal-gvern (% tal-PGD)	**PS Diċ 2007**	**1,8**	**1,8**	**1,2**	**1,2**	**1,2**
	COM Nov 2007	1,8	1,8	1,2	0,6	m.a.
	PS Diċ 2006	*1,4*	*1,0*	*0,9*	*0,9*	*m.a.*
Bilanċ primarju (% tal-PGD)	**PS Diċ 2007**	**3,4**	**3,4**	**2,7**	**2,6**	**2,6**
	COM Nov 2007	3,5	3,4	2,7	2,1	m.a.
	PS Diċ 2006	*3,0*	*2,5*	*2,3*	*2,2*	*m.a.*
Bilanċ aġġustat ċiklikament ([1]) (% tal-PGD)	**PS Diċ 2007**	**2,3**	**2,2**	**1,8**	**2,0**	**1,9**
	COM Nov 2007	2,1	2,0	1,6	1,4	m.a.
	PS Diċ 2006	*1,8*	*1,5*	*1,6*	*1,6*	*m.a.*
Bilanċ strutturali ([3]) (% tal-PGD)	**PS Diċ 2007**	**2,3**	**2,2**	**1,8**	**2,0**	**1,9**
	COM Nov 2007	2,1	2,0	1,6	1,4	m.a.
	PS Diċ 2006	*1,8*	*1,5*	*1,6*	*1,6*	*m.a.*
Dejn gross tal-gvern (% tal-PGD)	**PS Diċ 2007**	**39,7**	**36,2**	**34,0**	**32,0**	**30,0**
	COM Nov 2007	39,7	36,3	34,6	33,0	m.a.
	PS Diċ 2006	*39,7*	*36,6*	*34,3*	*32,2*	*m.a.*

Noti:

([1]) Id-differenzi fil-produzzjoni u l-bilanċi aġġustati ċiklikament skond il-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi ta' l-informazzjoni fil-programmi.
([2]) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 3,5 %, 3,7 %, 3,4 % u 3,2 % rispettivament fil-perjodu 2006-2009.
([3]) M'hemmx miżuri ta' darba jew oħrajn temporanji fl-aħħar programm u fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa.
([4]) Deflatur tal-konsum privat.

Sors:

Programm ta' Stabbiltà (PS); Tbassir ekonomiku tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2007 (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.5037 — Beko Elektronik/Grundig Multimedia)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 75/03)

Fis-7 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5037. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Marzu 2008

li taħtar u tissostitwixxi xi membri tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali

(2008/C 75/04)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ta' l-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu ([1]),

Wara li kkunsidra l-lista tal-persuni nnominati ppreżentata lill-Kunsill mill-Kummissjoni fir-rigward tar-rappreżentanti ta' l-impjegati u ta' min iħaddem,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Settembru 2006 ([2]), il-Kunsill ħatar il-membri tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali għall-perijodu mit-18 ta' Settembru 2006 sas-17 ta' Settembru 2009.

(2) Il-postijiet ta' tliet membri tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' l-impjegati tbattlu b'riżultat tar-riżenja tas-Sinjura Mar Rodrigues Torres, is-Sur Jeff Maes u s-Sur Jean-Claude Quentin.

(3) Il-postijiet ta' tliet membri tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem tbattlu b'riżultat tar-riżenja tas-Sur George Pantelides, is-Sur Samo Hribar-Milic u s-Sur Anthony Thompson.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-persuna li ġejjin huma b'dan maħturin membri tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Professjonali għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sas-**17 ta' Settembru 2009**:

([1]) ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2051/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 1).
([2]) ĠU C 240, 5.10.2006, p. 1.

I. **RAPPREŻENTANTI TA' L-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' L-IMPJEGATI**

Spanja	Is-Sinjura Luz Blanca COSIO ALMEIRA UGT Spain
Belġju	Is-Sinjura Mieke DE RAEDEMAECKER FGTB
Franza	Is-Sur Stéphane LARDY Force Ouvrière

II. **RAPPREŻENTANTI TA' L-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM**

Ċipru	Is-Sur Michael PILIKOS Cyprus Employers and Industrialists Federation
Slovenja	Is-Sur Anze HIRSL Employers' Association of Slovenia — ZDS
Renju Unit	Is-Sur Richard WAINER Confederation of British Industry (CBI)

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

I. JARC

KUMMISSJONI

Rata tal-kambju ta' l-euro (1)

Il-25 ta' Marzu 2008

(2008/C 75/05)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,5569	TRY	Lira Turka	1,9409
JPY	Yen Ġappuniż	155,90	AUD	Dollaru Awstraljan	1,7036
DKK	Krona Daniża	7,4597	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5870
GBP	Lira Sterlina	0,78105	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	12,1126
SEK	Krona Żvediża	9,4190	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,9376
CHF	Frank Żvizzeru	1,5728	SGD	Dollaru tas-Singapor	2,1527
ISK	Krona Iżlandiża	118,15	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 522,65
NOK	Krona Norveġiża	8,0865	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	12,5875
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	10,9680
CZK	Krona Ċeka	25,455	HRK	Kuna Kroata	7,2602
EEK	Krona Estona	15,6466	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 300,13
HUF	Forint Ungeriż	256,49	MYR	Ringgit Malażjan	4,9782
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	64,425
LVL	Lats Latvjan	0,6965	RUB	Rouble Russu	36,8680
PLN	Zloty Pollakk	3,5310	THB	Baht Tajlandiż	49,042
RON	Leu Rumen	3,7165	BRL	Real Brażiljan	2,7034
SKK	Krona Slovakka	32,663	MXN	Peso Messikan	16,6464

(1) *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Rata tal-kambju ta' l-euro (1)

L-20 ta' Marzu 2008

(2008/C 75/06)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,5423	TRY	Lira Turka	1,9237
JPY	Yen Ġappuniż	153,2	AUD	Dollaru Awstraljan	1,7087
DKK	Krona Daniża	7,4598	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5817
GBP	Lira Sterlina	0,7783	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	11,9983
SEK	Krona Żvediża	9,4121	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,9458
CHF	Frank Żvizzeru	1,5632	SGD	Dollaru tas-Singapor	2,1427
ISK	Krona Iżlandiża	121,56	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 557,11
NOK	Krona Norveġiża	8,1178	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	12,5545
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	10,8757
CZK	Krona Ċeka	25,491	HRK	Kuna Kroata	7,261
EEK	Krona Estona	15,6466	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 243,14
HUF	Forint Ungeriż	258,19	MYR	Ringgit Malażjan	4,9014
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	63,697
LVL	Lats Latvjan	0,6963	RUB	Rouble Russu	36,728
PLN	Zloty Pollakk	3,5368	THB	Baht Tajlandiż	48,313
RON	Leu Rumen	3,731	BRL	Real Brażiljan	2,6853
SKK	Krona Slovakka	32,774	MXN	Peso Messikan	16,5373

(1) *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti mogħtija waqt l-423 laqgħa tiegħu fid-9 ta' Frar 2007 dwar abbozz ta' deċiżjoni fil-Każ COMP/E-1/38.823 — Liftijiet u *Escalators*

(2008/C 75/07)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni li għamlet il-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-prodotti u ta' l-ambitu ġeografiku u/jew il-prattiċi miftiehma li jinsabu fl-abbozz ta' deċiżjoni.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni legali tal-fatti li għamlet il-Kummissjoni Ewropea bħala ftehimiet u/jew prattiċi miftiehma fit-tifsira ta' l-Artikolu 81(1) tat-Trattat.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni Ewropea li l-infrazzjonijiet jirreferu għal erba' infrazzjonijiet kumplessi u kontinwi.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li l-ftehimiet u/jew prattiċi miftiehma għandhom bħala għan u/jew effett il-prevenzjoni, it-tnaqqis jew it-tfixkil tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li l-ftehimiet u/jew il-prattiċi miftiehma affettwaw b'mod sinifikanti l-kummerċ bejn l-Istati Membri.
6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel ma' l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar lil min hi indirizzata d-deċiżjoni.
7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tat-tul ta' l-infrazzjonijiet u l-applikazzjoni tal-perjodi ta' limitazzjoni.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-metodu tal-kalkolu tal-multa.
9. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni ta' l-opinjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.
10. Il-Kumitat Konsultattiv jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-punti kollha li tqajmu waqt id-diskussjoni.

Rapport finali ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ dwar il-proċedura fil-Każ COMP/E-1/38.823 — Liftijiet u *Escalators*

(Skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-uffiċjali tas-seduta f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni — ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)

(2008/C 75/08)

L-abbozz ta' deċiżjoni jwassal għall-osservazzjonijiet li ġejjin:

Taqsira tad-dokument

Il-każ preżenti nbeda wara informazzjoni pprovduta fis-Sajf ta' l-2003 minn informatur li ta lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-eżistenza ta' attivitajiet ta' kartell bejn l-erba' manifatturi l-kbar tal-liftijiet u l-*escalators* fl-Unjoni Ewropea.

Minn Jannar 2004 'il quddiem, saret serje ta' spezzjonijiet taħt l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 17/62 f'numru ta' pajjiżi li kienu jinkludu inizjalment il-Belġju u l-Ġermanja, u sussegwentement il-Lussemburgu u l-Olanda. Dawn l-ispezzjonijiet u numru kbir ta' applikazzjonijiet taħt in-Notifika tal-Kummissjoni dwar l-Immunità mill-multi u t-tnaqqis tal-multi f'każijiet ta' kartelli pprovdew lill-Kummissjoni b'xhieda ta' infrazzjoni ta' l-Artikolu 81(1) tat-Trattat tal-KE permezz ta' ftehimiet u prattiki miftiehma, li l-fatti dwarhom kif inhuma ppreżentati fid-Dikjarazzjoni ta' l-Oġġezzjonijiet ("SO") mhumiex ikkontestati minn dawk indirizzati mill-abbozz ta' Deċiżjoni.

L-inizjazzjoni tal-proċedimenti, l-aċċess għall-fajl, ir-rinunzja għad-dritt ta' smigħ orali

Fis-7 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni indirizzat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ("SO") lil dawn l-impriżi: KONEBelgium S.A., KONE GmbH, KONE Luxembourg S.A.R.L., KONE BV Liften en Roltrappen, KONECorporation (minn hawn 'il quddiem flimkien "KONE"), N.V. OTIS S.A., Otis GmbH & Co. OHG, General Technic-Otis S.A.R.L, General Technic S.A.R.L, Otis BV, Otis Elevator Company (minn hawn 'il quddiem flimkien "OTIS"), Schindler S.A./N.V., Schindler Deutschland Holding GmbH, Schindler S.à.r.l., Schindler Liften BV, Schindler Holding Ltd. (minn hawn 'il quddiem flimkien "Schindler"), ThyssenKrupp Liften Ascenseurs N.V./S.A., ThyssenKrupp Aufzüge GmbH, ThyssenKrupp Fahrtreppen GmbH, ThyssenKrupp Ascenseurs Luxembourg S.A.R.L., ThyssenKrupp Liften BV, ThyssenKrupp Elevator AG u ThyssenKrupp AG (minn hawn 'il quddiem flimkien "ThyssenKrupp"), Mitsubishi Elevator Europe BV, United Technologies Corporation u żewġ impriżi oħra.

Dawn l-impriżi ngħataw aċċess għall-fajl ta' l-investigazzjoni tal-Kummissjoni fil-forma ta' (a) kopja/i fuq DVD. Aċċess għal dokumenti li jirrigwardaw dikjarazzjonijiet orali mressqa mill-applikanti għall-Klemenza ngħata fl-uffiċċji tal-Kummissjoni.

Il-kumpaniji kollha li ġie indirizzat lilhom l-SO ressqu kummenti bil-miktub b'risposta għall-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni.

Ħadd minn dawk indirizzati mill-SO ma għażel li jitlob smigħ orali u għalhekk ma sar l-ebda smigħ orali fil-każ preżenti.

Il-problemi proċedurali ewlenin li tressqu mill-partijiet

Matul il-proċedimenti li wasslu għal dan l-abbozz ta' deċiżjoni, tressqu serje ta' kwistjonijiet proċedurali, b'mod partikolari dawn li ġejjin:

— Iż-żmien mogħti sabiex tingħata risposta għall-SO

Il-biċċa l-kbira ta' dawk indirizzati mill-SO talbu estensjoni taż-żmien biex jagħtu r-risposta (xahrejn mid-data ta' meta rċevew l-aċċess għad-DVD tal-fajl). Stabbilixxejt limiti ġodda ta' żmien għall-kumpaniji kkonċernati bejn il-21 u s-27 ta' Frar 2006 skond l-importanza tar-raġunijiet mogħtija b'appoġġ għat-talbiet individwali.

— It-tħejjija ta' SO wieħed u l-organizzazzjoni tal-fajl tal-Kummissjoni

Is-servizz relevanti tal-Kummissjoni ddeċieda li jibgħat lill-kumpaniji kollha implikati fil-każ SO wieħed li fih taqsimiet għall-pajjiżi kollha koperti mill-investigazzjoni indipendentement minn jekk il-kumpanija kkonċernata kenitx involuta fil-pajjiżi jew prattiki rispettivi kollha. Minbarra dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibgħat lil dawk kollha indirizzati mill-SO aċċess għall-fajl li jirrigwarda dawk il-pajjiżi jew prattiki kollha (minbarra għal sigrieti kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra). Il-partijiet ingħataw l-opportunità li jesprimu l-veduti tagħhom quddiem l-Uffiċjal tas-Smigħ qabel ma ngħata l-aċċess fuq bażi individwali.

United Technologies Corporation, Schindler, OTIS u ThyssenKrupp saħqu li l-Kummissjoni kellha tibgħat SO distinti u separati lil dawk indirizzati skond l-involviment tagħhom fil-kartelli individwali nazzjonali u kellha torganizza l-fajl b'mod differenti, ladarba l-Kummissjoni kienet allegat li kienu jeżistu infrazzjonijiet nazzjonali separati u mhux kartell pan-Ewropew. Huma kienu tal-fehma li kumpaniji li kienu akkużati biss li pparteċipaw fl-infrazzjoni f'pajjiż wieħed kellu jkollhom aċċess biss għad-dokumenti fil-fajl li jirrigwarda l-pajjiż ikkonċernat. Minbarra dan, kienu tal-fehma li dawk indirizzati mill-SO involuti f'kartell f'pajjiż differenti ma kellhom l-ebda interess leġittimu li jaraw id-dokumenti kollha fil-fajl tal-Kummissjoni. Partijiet oħra kellhom fehma opposta.

B'risposta, ikkunsidrajt li s-servizz relevanti tal-Kummissjoni għandu ċertu marġini ta' diskrezzjoni fid-deċiżjoni tiegħu li jinvestiga konġuntament infrazzjonijiet li huwa jqis li jkunu relatati. Infurmajt lill-partijiet li jekk kien hemm raġunijiet oġġettivi li kienu wasslu lis-servizz tal-Kummissjoni sabiex jemmen li analiżi sħiħa u bir-reqqa ta' l-aġir antikompetittiv taħt investigazzjoni jeħtieġ studju fi swieq ġeografiċi differenti fl-istess ħin, jien kont lest li naċċetta din il-konklużjoni. Wara li eżaminajt bir-reqqa l-mod kif kienet twettqet l-investigazzjoni, in-natura ta' l-infrazzjonijiet allegati u l-kumpaniji involuti, deherli li kien hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex nassumi li l-infrazzjonijiet allegati fis-swieq differenti kkonċernati kienu marbuta biżżejjed sabiex ikunu suġġetti għal investigazzjoni komuni. B'mod partikolari, fid-dawl tal-fatturi speċifiċi involuti, kont tal-fehma li s-servizz relevanti tal-Kummissjoni kien mexa b'mod xieraq meta żamm investigazzjoni komuni wara li wasal għal konklużjoni proviżorja li l-infrazzjoni ikkonċernata kienet tikkonsisti f'erba' kartelli nazzjonali separati.

Fir-rigward ta' l-aċċess għall-fajl, inqis li l-Liġi tal-Kompetizzjoni tal-KE u l-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Komunità jassiguraw biżżejjed il-ħarsien ta' l-informazzjoni sensittiva tal-kumpaniji u assigurajt lill-kumpaniji li kull biċċa informazzjoni li huma juru li l-iżvelar tagħha jwassal għal ħsara sinifikanti u serja tingħata ħarsien speċjali matul il-proċedimenti amministrattivi. Dan il-prinċipju ġie rispettat fil-każ preżenti.

— *Aċċess għal dokumenti addizzjonali*

KONE talbet aċċess għal dokumenti addizzjonali, inklużi, fost l-oħrajn, taqsira aktar dettaljata ta' l-informazzjoni mressqa mill-informatur lill-Kummissjoni li kienet wasslet għall-ewwel ispezzjonijiet, u kif ukoll dokument intern tal-Kummissjoni dwar it-tħejjija ta' spezzjonijiet fil-Ġermanja. Dawn id-dokumenti ntalbu sabiex jiġi ppruvat li kellhom jingħataw immunità sħiħa taħt in-Notifika tal-Klemenza tal-Kummissjoni.

Fir-rigward ta' l-informazzjoni mressqa mill-informatur, il-Kummissjoni hija taħt obbligu strett li tħares l-identità ta' l-informaturi tagħha kontra l-biża' ta' ritaljazzjoni ([1]). B'mod partikolari, fejn jiġu investigati kumpaniji b'saħħithom għal infrazzjoni allegata tal-liġi tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni għandha d-dmir li tħares lill-*whistleblowers* minn reazzjonijiet ħorox li jista' jkollhom jiffaċċjaw jekk tiġi żvelata l-identità tagħhom. Għaldaqstant, filwaqt li stajt nagħżel xi passaġġi oħra li fil-fehma tiegħi setgħu jiġu żvelati lil KONE mingħajr ir-riskju li tiġi pperikolata l-identità ta' l-informatur, u li sussegwentement ingħata aċċess għalihom, fil-każijiet l-oħra kkonfermajt id-deċiżjoni meħuda mis-servizz relevanti tal-Kummissjoni sabiex ma jagħtix aċċess għall-informazzjoni ppreżentata mill-*whistleblower* f'dan il-każ.

Fir-rigward tat-talba għal dokumenti interni, skond il-ġurisprudenza u n-Notifika tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-fajls, id-dokumenti interni tal-Kummissjoni fil-prinċipju m'humiex aċċessibbli. Jien kont tal-fehma li l-allegazzjoni biss minn kumpanija li dokumenti interni jistgħu jkunu utli għat-tħejjija tad-difiża tagħha ma tistax tkun suffiċjenti sabiex toħloq obbligu għall-Kummissjoni li tagħti aċċess għal dawn id-dokumenti. Altrimenti, ir-regola ta' l-inaċċessibilità ta' din l-informazzjoni interna tkun twarrbet u l-interess leġittimu li d-deliberazzjonijiet interni tal-Kummissjoni jinżammu sigrieti jkun ġie serjament ipperikolat. Jien tal-fehma li hija r-responsabbiltà tas-servizzi tal-Kummissjoni li jivverifikaw huma stess u, fuq talba speċifika, ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ li jikkonferma, jekk id-dokumenti interni tal-Kummissjoni fihomx provi fattwali li jistgħu jkunu indispensabbli għad-difiża ta' waħda mill-partijiet. Wara verifika, kont tal-fehma li hawnhekk dan ma kienx il-każ. Għaldaqstant, l-aċċess ma ngħatax.

([1]) Sentenza tal-Qorti tas-7 ta' Novembru 1985 fil-Kawża 145/83 Stanley George Adams v. Commission (ECR) 1985, p. 3539 u l-paragrafu 19 tan-Notifika tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2005 dwar ir-regoli għall-aċċess għall-fajls tal-Kummissjoni.

L-abbozz ta' deċiżjoni

Fl-abbozz ta' deċiżjoni l-oġġezzjonijiet kontra żewġ impriżi tneħħew. Fir-rigward tal-partijiet l-oħra indirizzati mill-SO, xi żbalji minuri fil-kalkoli ġew irranġanti mingħajr, madankollu, ma ġew modifikati d-dati tal-bidu u t-tmiem ta' l-infrazzjoni (minbarra fil-każ ta' OTIS fil-kartell ta' l-Olanda fejn ġiet stabbilita data tal-bidu aktar tard).

L-abbozz ta' deċiżjoni mressaq lill-Kummissjoni fih biss oġġezzjonijiet li dwarhom il-partijiet kellhom l-opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom.

Fid-dawl ta' dan, jien tal-fehma li d-dritt tal-partijiet li jinstemgħu ġie rrispettat għal kollox f'dan il-każ.

Brussell, it-12 ta' Frar 2007.

Karen WILLIAMS

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-prattiċi restrittivi u l-pożizzjonijiet dominanti mogħtija waqt l-424 laqgħa tiegħu fis-16 ta' Frar 2007 dwar abbozz ta' deċiżjoni relatata mal-Każ COMP/E-1/38.823 — Liftijiet u *Escalators*

(2008/C 75/09)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammonti bażiċi tal-multi fir-rigward ta' l-infrazzjonijiet fis-settur tal-liftijiet u l-*escalators* fil-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Olanda.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-infrazzjonijiet fis-settur tal-liftijiet u l-*escalators*, dwar iż-żieda fl-ammont bażiku għal ThyssenKrupp AG u s-sussidjarji tagħha fil-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Olanda minħabba ċirkostanza aggravanti.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-infrazzjonijiet fil-kartell tas-settur tal-liftijiet u l-*escalators* fil-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Olanda, dwar l-ammonti tat-tnaqqis tal-multi abbażi tan-Notifika tal-Kummissjoni ta' l-2002 dwar li ma jiġux imposti jew li jitnaqqsu l-multi f'każijiet ta' kartelli, jew li tiġi ppremjata l-kooperazzjoni barra l-ambitu tagħha.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammonti finali tal-multi fir-rigward ta' l-infrazzjonijiet fis-settur tal-liftijiet u l-*escalators* fil-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Olanda.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni ta' l-opinjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Is-sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tal-21 ta' Frar 2007

dwar provvediment skond l-Artikolu 81 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

(Każ COMP/E-1/38.823 — Liftijiet u Eskalejters)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 512 finali)

(Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)

(2008/C 75/10)

I. L-INFRAZZJONIJIET FIL-QOSOR

Daħla

1. Id-deċiżjoni kienet indirizzata lil KONE Belgium S.A., KONE GmbH, KONE Luxembourg S.à.r.l., KONE B.V. Liften en Roltrappen, KONE Corporation (minn hawn 'il quddiem "KONE"), Mitsubishi Elevator Europe B.V., N.V. OTIS S.A., Otis GmbH & Co. OHG, General Technic-Otis S.à.r.l., General Technic S.à.r.l., Otis B.V., Otis Elevator Company, United Technologies Corporation (minn hawn 'il quddiem "Otis"), Schindler S.A./N.V., Schindler Deutschland Holding GmbH, Schindler S.à.r.l., Schindler Liften B.V., Schindler Holding Ltd. (minn hawn 'il quddiem "Schindler"), ThyssenKrupp Liften Ascenseurs N.V./S.A., ThyssenKrupp Aufzüge GmbH, ThyssenKrupp Fahrtreppen GmbH, ThyssenKrupp Ascenseurs Luxembourg S.à.r.l., ThyssenKrupp Liften B.V., ThyssenKrupp Elevator AG u ThyssenKrupp AG (minn hawn 'il quddiem "ThyssenKrupp").

2. Id-destinatarji tad-deċiżjoni pparteċipaw f'erba' infrazzjonijiet distinti imma konnessi uniċi u kontinwi ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat fil-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Olanada fir-rigward tal-**liftijiet** u l-**eskalejters**. Kull waħda mill-erba' infrazzjonijiet tkopri t-territorju kollu ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri.

Proċedura

3. Il-Kummissjoni nidiet l-investigazzjoni minn jeddha ("*ex-officio*") kmieni fl-2004 biili użat informazzjoni li għaliha kienet inġibdet l-attenzjoni tagħha. Tliet sensiliet ta' spezzjonijiet (il-Belġju, u l-Ġermanja: Jannar 2004; il-Belġju, il-Ġermanja u l-Lussemburgu: Marzu 2004 u l-Olanda; April 2004) u għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-klemenza skond in-Notifika dwar il-Klemenza ta' l-2002 ikkonferma li l-kartelli twettqu fil-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Olanda. L-infrazzjonijiet koprew installazzjonijiet u servizzi ġodda, ħlief fil-Ġermanja fejn ix-xhieda ssuġġerixxiet li installazzjonijiet ġodda biss kienu koperti.

4. L-erba' kartelli kollha kellhom elementi komuni, bħal, pereżempju:

   — KONE, Otis, Schindler u ThyssenKrupp kienu involuti kollha fl-infrazzjonijiet f'kull wieħed mill-erba' Stati Membri,

   — il-kartelli koprew l-istess prodotti u servizzi f'kull wieħed mill-Istati Membri in kwistjoni, bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja fejn — sa fejn taf il-Kummissjoni — is-servizzi ma kinux direttament parti mill-ftehimiet tal-kartelli,

   — l-amministratturi responsabbli għas-sussidjarji involuti (u l-parteċipanti fil-kartelli) kienu xi minn daqqiet simultanjament jew suċċessivament responsabbli għal diversi Stati Membri,

   — il-perjodi ta' żmien ta' l-infrazzjoni investigata mill-Kummissjoni fil-parti l-kbira ikkoinċidew, ukoll jekk ma kinux dejjem eżattament ta' l-istess tul ta' żmien globali,

   — il-metodu għall-allokazzjoni tal-proġetti li jikkonċernaw il-bejgħ u l-installazzjoni tal-liftijiet u l-eskalejters kien simili ħafna, jekk kultant mhux ukoll identiku, mill-inqas f'uħud mill-Istati Membri kkonċernati, jekk mhux f'kollha (fir-rigward, pereżempju, tal-prinċipji li jirregolaw il-qsim tas-suq u l-klijenti, iż-żamma ta' "*status quo*" fuq il-livell tal-kwoti tas-suq, l-istruttura tal-laqgħat, l-iskemi ta' kumpens, u l-użu ta' listi ta' proġetti, eċċ.),

   — il-metodu għall-allokazzjoni ta' proġetti għall-bejgħ u l-installazzjoni ta' liftijiet u l-eskalejters permezz ta' l-użu ta' l-hemm imsejħa listi ta' proġetti kien simili, jekk mhux identiku, fl-Istati Membri kollha kkonċernati ħlief l-Olanda fejn il-Kummissjoni m'għandhiex għarfien ta' xi użu ta' listi ta' proġetti,

— il-metodu għall-allokazzjoni ta' proġetti relatati ma' manutenzjoni u modernizzazzjoni kien simili ħafna, u kultant identiku, fil-Belġju, il-Lussemburgu u l-Olanda (pereżempju, il-prinċipji li jirregolaw il-qsim tal-klijenti, l-istabilimenti u ż-żamma tal-kuntratti, il-metodi ta' komunikazzjoni bejn l-impriżi u s-sistemi ta' kumpens).

5. Id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet kienet innotifikata lill-partijiet f'Ottubru ta' l-2005. Id-destinararji tad-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ma talbux seduta verbali.

It-tħaddim tal-kartelli

6. Il-perjodi ta' l-infrazzjonijiet stabbiliti fid-deċiżjoni huma:

— mid-9 ta' Mejju 1996 sad-29 ta' Jannar 2004 fil-Belġju,

— mill-1 ta' Awissu 1995 sal-5 ta' Diċembru 2003 fil-Ġermanja,

— mis-7 ta' Diċembru 1995 sad-9 ta' Marzu 2004 fil-Lussemburgu, kif ukoll

— mill-15 ta' April 1998 sal-5 ta' Marzu 2004 fl-Olanda.

7. B'mod partikolari, l-infrazzjonijiet li ġejjin twettqu f'wieħed jew diversi mill-Istati Memmbri kkonċernati, jew f'kollha kemm huma:

— ftehimiet dwar qsim tal-bejgħ u l-installazzjoniojiet tal-liftijiet u l-eskalejters,

— ftehimiet dwar l-allokazzjoni ta' appalti pubbliċi u privati, kif ukoll ta' kuntratti oħra, għall-bejgħ u l-installazzjoni tal-liftijiet u l-eskalejters skond l-ishma tal-bejgħ miftiehma minn qabel ma' kull waħda mill-impriżi,

— ftehim dwar l-allokazzjoni ta' proġetti għall-bejgħ u l-installazzjoni ta' liftijiet ġodda u/jew eskalejters skond il-prinċipju li għandhom jiġu rrispettati r-relazzjonijiet eżistenti mal-klijentela,

— ftehim li ma ssirx kompetizzjoni reċiproka għall-kuntratti ta' manutenzjoni fir-rigward ta' liftijiet u eskalejters li jinsabu jiffunzjonaw diġà kif ukoll ftehim dwar kif issir il-parteċipazzjoni f'kompetizzjoni għar-rebħ ta' dawn il-kuntratti,

— ftehim li ma ssirx kompetizzjoni reċiproka għall-kuntratti ta' manutenzjoni fir-rigward ta' liftijiet u eskalejters ġodda kif ukoll ftehim dwar kif issir il-parteċipazzjoni f'kompetizzjoni għar-rebħ ta' dawn il-kuntratti, kif ukoll

— ftehim li ma ssirx kompetizzjoni reċiproka għall-kuntratti ta' modernizzazzjoni.

Il-karatteristiċi ewlenin ta' l-infrazzjonijiet kienu jinkludu wkoll skambju ta' informazzjoni kummerċjalment importanti u kunfidenzjali (interna) dwar is-swieq u l-impriżi, inklużi l-mudelli ta' parteċipazzjoni f'kompetizzjoni ta' appalt u prezzijiet. Il-parteċipanti ltaqgħu regolarment biex jaqblu dwar ir-restrizzjonijiet imsemmija hawn fuq u ssorveljaw l-implimentazzjoni tagħhom fis-swieq nazzjonali. Teżisti xhieda li l-impriżi kellhom għarfien ta' l-illegalità ta' mġibthom u ħadu ħsieb li jaraw li ma jinqabdux; l-impjegati tagħhom ġeneralment kienu jiltaqgħu fil-ħwienet tax-xorb u r-restoranti, kienu jsiefru lejn inħawi fil-kampanja jew saħansitra barra l-pajjiż u kienu jużaw kards tal-mowbajl imħallsa minn qabel biex jevitaw li jinqabdu.

II. **MULTI**

Gravità

8. Rigward il-gravità ta' l-infrazzjonijiet, l-impatt fuq is-suq u l-firxa ġeografika tagħhom, dawn l-infrazzjonijiet iridu jitqiesu bħala serji ħafna.

Trattament differenzjat

9. L-impriżi kienu maqsuma f'kategoriji differenti skond l-importanza relattiva tagħhom fis-swieq bil-għan li jitqies il-piż speċifiku u għalhekk l-impatt reali ta' kull waħda mill-impriżi fuq is-suq.

10. Biex tqabbel l-importanza relattiva ta' impriża fuq is-suq ikkonċernat, il-Kummissjoni dehrilha xieraq li tibbaża fuq il-fatturati ta' l-impriżi f'livell tal-Belġju kollu, tal-Ġermanja kollha, tal-Lussemburgu kollu u ta' l-Olanda kollha, rispettivament. It-tqabbil sar fuq il-bażi ta' dawn il-fatturati tal-prodott fuq livell nazzjonali matul l-aħħar sena sħiħa ta' l-infrazzjonijiet: is-sena 2003 għall-impriżi kollha kkonċernati fir-rigward ta' kull waħda mill-erba' infrazzjonijiet, ħlief għal Schindler fil-Ġermanja, li għaliha is-sena 2000 kienet is-sena ta' referenza, meta ħarġet mill-kartell.

11. Fejn tidħol l-infrazzjoni fil-Belġju, Schindler u KONE tqiegħdu b'mod konġunt fl-ewwel kategorija, Otis fit-tieni u ThyssenKrupp fit-tielet. Fir-rigward ta' l-infrazzjoni fil-Ġermanja, KONE, Otis, u ThyssenKrupp tqiegħdu f'kategorija waħda. Schindler, li l-imġiba illegali tagħha kienet limitata għall-eskalejters u li ħarġet mill-kartell fis-sena 2000, tqiegħdet f'kategorija separata. Fir-rigward ta' l-infrazzjoni fil-Lussemburgu, Otis u Schindler b'mod konġunt tqiegħdu fl-ewwel kategorija u Kone u ThyssenKrupp b'mod konġunt tqiegħdu fit-tieni kategorija. Fl-aħħarnett, fejn tidħol l-infrazzjoni fl-Olanda, KONE tqiegħdet fl-ewwel kategorija, Otis fit-tieni u Schindler fit-tielet. ThyssenKrupp u Mitsubishi tqiegħdu b'mod konġunt fir-raba' kategorija.

Deterrent suffiċjenti

12. Sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-multa fuq livell li jiżgura li jkollha effett deterrenti suffiċjenti, il-Kummissjoni dehrilha xieraq li jiġi applikat fattur ta' multiplikazzjoni għall-multi imposti.

13. Meta jitqiesu l-fatturati rispettivi tagħhom fuq livell dinji, ThyssenKrupp u Otis huma operaturi ferm aktar importanti mid-destinatarji l-oħra. Għaldaqstant, u f'konformità mad-deċiżjonijiet preċedenti tagħha, il-Kummissjoni jidhrilha li hu xieraq li timmultiplika l-multi rispettivi għal ThyssenKrupp and Otis.

Żieda minħabba t-tul taż-żmien

14. Ġew applikati wkoll fatturi multiplikaturi individwali skond it-tul ta' żmien ta' l-infrazzjonijiet minn kull waħda mill-entitajiet legali.

Ċirkostanzi aggravanti

15. ThyssenKrupp ġiet ikkunsidrata ħatja ta' infrazzjoni ripetuta minħabba li żewġ entitajiet ikkontrollati Krupp u/jew Thyssen (qabel ma dawn iż-żewġ impriżi amalgamaw fl-1999) diġà kienu destinatarji ta' deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni dwar attivitajiet ta' kartell f'*Alloy Surcharge* [1]. Il-fatt li l-impriżi rripetew l-istess tip ta' mġiba fl-istess oqsma ta' attività jew f'oqsma differenti juri li l-multi inizjali ma kinux insigawhom jibdlu imġibithom. Dan jikkostitwixxi ċirkustanza aggravanti li tiġġustifika żieda fl-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta fuq ThyssenKrupp.

Applikazzjoni tan-Notifika ta' Klemenza ta' l-2002

16. KONE, Otis, ThyssenKrupp u Schindler issottomettew applikazzjonijiet skond in-Notifika ta' Klemenza. Huma kkooperaw mal-Kummissjoni fi stadji differenti ta' l-investigazzjoni bil-ħsieb li jirċievu trattament favorevoli skond in-Notifika ta' Klemenza.

Punt 8(a) — Immunità

17. Otis ingħatat immunità sħiħa skond il-punt 8(a) tan-Notifika ta' Klemenza li jittratta dwar kartell fl-Olanda billi dan ippermetta lill-Kummissjoni twettaq spezzjonijiet fl-Olanda.

Punt 8(b) — Immunità

18. Fir-rigward ta' l-infrazzjonijiet fil-Belġju u l-Lussemburgu, is-sottomissjoni ta' KONE ppermettiet lill-Kummissjoni li tiskopri infrazzjoni ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat. B'hekk, KONE kkwalifikat għal immunità sħiħa mill-multa fir-rigward ta' l-infrazzjonijiet fil-Belġju u l-Lussemburgu.

(1) Ara l-Kawżi Konġunti T-45/98 u T-47/98 ThyssenKrupp Stainless u ThyssenKrupp Acciai speciali Terni v Il-Kummissjoni ("Alloy Surcharge") [2001] ECR II 3757, u l-Kawżi Konġunti C-65/02 P u C-73/02 P, ThyssenKrupp Stainless u ThyssenKrupp Acciai speciali Terni v Il-Kummissjoni, sentenza ta' l-14 ta' Lulju 2005

Punt 23 (b), l-ewwel inċiż (tnaqqis ta' 30-50 %)

19. Ix-xhieda sottomessa minn Otis dwar il-kartelli fil-Belġju u l-Lussemburgu rrappreżentat valur miżjud kbir fir-rigward tax-xhieda li diġà kellha l-Kummissjoni, u dan saħħaħ il-kapaċità tal-Kummissjoni biex tipprova l-infrazzjoni. Otis kienet l-ewwel impriża li tissodisfa l-punt 21 tan-Notifika ta' Klemenza u ngħatat tnaqqis ta' 40 % tal-multa għaż-żewġ infrazzjonijiet. Bl-istess mod, is-sottomissjoni ta' KONE fir-rigward tal-kartell fil-Ġermanja, kif ukoll is-sottomissjoni ta' ThyssenKrupp fir-rigward tal-kartell fl-Olanda, irrappreżentaw valur miżjud kbir fl-ambitu tat-tifsira tan-Notifika ta' Klemenza. Dawn iż-żewġ impriżi kienu l-ewwel tnejn li ssodisfaw il-punt 21 tan-Notifika ta' Klemenza fir-rigward tal-kartelli rispettivi, u l-Kummissjoni tat lil KONE tnaqqis ta' 50 % tal-multa fejn kien jirrigwarda l-infrazzjoni fil-Ġermanja u lil ThyssenKrupp tnaqqis ta' 40 % tal-multa fejn jirrigwarda l-infrazzjoni fl-Olanda.

Il-Punt 23 (b), it-tieni inċiż (tnaqqis ta' 20-30 %)

20. Ix-xhieda sottomessa minn Otis dwar il-kartell fil-Ġermanja rrappreżentat valur miżjud kbir fir-rigward tax-xhieda li diġà kellha l-Kummissjoni, u dan saħħaħ il-kapaċità tal-Kummissjoni biex tipprova l-infrazzjoni. Otis kienet it-tieni impriża li tissodisfa l-punt 21 tan-Notifika ta' Klemenza u ngħatat tnaqqis ta' 25 % tal-multa għall-infrazzjoni fil-Ġermanja. Bl-istess mod, fir-rigward ta' l-infrazzjoni fil-Belġju, is-sottomissjoni ta' ThyssenKrupp irrappreżentat valur miżjud kbir fl-ambitu tat-tifsira tan-Notifika ta' Klemenza. ThyssenKrupp kienet it-tieni impriża li ssodisfat l-punt 21 tan-Notifika ta' Klemenza u ngħatat tnaqqis ta' 20 % tal-multa għall-infrazzjoni fil-Beġju.

Punt 23 (b), it-tielet inċiż (tnaqqis sa 20 %)

21. Ix-xhieda sottomessa minn Schindler dwar il-kartell fil-Ġermanja rrappreżentat valur miżjud kbir fir-rigward tax-xhieda li diġà kellha l-Kummissjoni, u dan saħħaħ il-kapaċità tal-Kummissjoni biex tipprova l-infrazzjonim fil-Ġermanja. Schindler kienet it-tielet impriża li ssodisfat il-punt 21 tan-Notifika ta' Klemenza u ngħatat tnaqqis ta' 15 % tal-multa għall-infrazzjoni fil-Ġermanja.

III. **DEĊIŻJONI**

22. l-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 81 tat-Trattat billi allokaw appalti u kuntratti oħra fil-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Olanda, bil-għan li jaqsmu s-swieq u jiffissaw il-prezzijiet, f'ċerti każi permezz ta' ftehim dwar mekkaniżmu ta' kumpens, u billi wettqu skambju ta' informazzjoni dwar volumi ta' bejgħ u dwar prezzijiet, u, billi pparteċipaw fl-laqgħat regolari u kuntratti oħra biex jilħqu qbil dwar ir-restrizzjonijiet imsemmija hawn fuq u l-implimentazzjoni tagħhom:

Fil-Belġju:

(a) Kone Corporation u KONE Belgium S.A., mid-9 ta' Mejju 1996 sad-29 ta' Jannar 2004;

(b) United Technologies Corporation, Otis Elevator Company u N.V. OTIS S.A., mid-9 ta' Mejju 1996 sad-29 ta' Jannar 2004;

(c) Schindler Holding Ltd and Schindler S.A./N.V., mid-9 ta' Mejju 1996 sad-29 ta' Jannar 2004; kif ukoll

(d) ThyssenKrupp AG, ThyssenKrupp Elevator AG and ThyssenKrupp Liften Ascenseurs N.V./S.A., mid-9 ta' Mejju 1996 sad-29 ta' Jannar 2004;

Fil-Ġermanja:

(e) Kone Corporation u KONE GmbH, mill-1 ta' Awissu 1995 sal-5 ta' Diċembru 2003;

(f) United Technologies Corporation, Otis Elevator Company u Otis GmbH & Co. OHG, mill-1 ta' Awissu 1995 sal-5 ta' Diċembru 2003;

(g) Schindler Holding Ltd u Schindler Deutschland Holding GmbH, mill-1 ta' Awissu 1995 sas-6 ta' Diċembru 2000; kif ukoll

(h) ThyssenKrupp AG, ThyssenKrupp Elevator AG, ThyssenKrupp Aufzüge GmbH u ThyssenKrupp Fahrtreppen GmbH, mill-1 ta' Awissu 1995 sal-5 ta' Diċembru 2003.

Fil-Lussemburgu:

(i) Kone Corporation u KONE Luxembourg S.à.r.l., mis-7 ta' Diċembru 1995 sad-29 ta' Jannar 2004;

(j) United Technologies Corporation, Otis Elevator Company, N.V. Otis S.A., General Technic-Otis S.à. r.l. u General Technic S.à.r.l., mis-7 ta' Diċembru 1995 sad-9 ta' Marzu 2004;

(k) Schindler Holding Ltd u Schindler S.à.r.l., mis-7 ta' Diċembru 1995 sad-9 ta' Marzu 2004; kif ukoll

(l) ThyssenKrupp AG, ThyssenKrupp Elevator AG u ThyssenKrupp Liften Ascenseurs N.V./S.A., mis-7 ta' Diċembru 1995 sad-9 ta' Marzu 2004.

Fl-Olanda:

(m) Kone Corporation u KONE B.V. Liften en Roltrappen, mill-1 ta' Ġunju 1999 sal-5 ta' Marzu 2004;

(n) United Technologies Corporation, Otis Elevator Company u Otis B.V., mill-15 ta' April 1998 sal-5 ta' Marzu 2004;

(o) Schindler Holding Ltd u Schindler Liften B.V., mill-1 ta' Ġunju 1999 sal-5 ta' Marzu 2004;

(p) ThyssenKrupp AG u ThyssenKrupp Liften B.V., mill-15 ta' April 1998 sal-5 ta' Marzu 2004 u

(q) Mitsubishi Elevator Europe B.V., mill-11 ta' Jannar 2000 sal-5 ta' Marzu 2004.

23. Għall-infrazzjonijiet li jissemmew fil-premessa preċedenti, ġew imposti l-multi li ġejjin:

Fil-Belġju:

(a) Kone Corporation u KONE Belgium S.A., flimkien u in solidu: EUR 0

(b) United Technologies Corporation, Otis Elevator Company u N.V. OTIS S.A., flimkien u in solidu: EUR 47 713 050;

(c) Schindler Holding Ltd u Schindler S.A./N.V., flimkien u in solidu: EUR 69 300 000; kif ukoll

(d) ThyssenKrupp AG, ThyssenKrupp Elevator AG u ThyssenKrupp Liften Ascenseurs N.V./S.A., flimkien u in solidu: EUR 68 607 000.

Fil-Ġermanja:

(e) Kone Corporation u KONE GmbH, flimkien u in solidu: EUR 62 370 000;

(f) United Technologies Corporation, Otis Elevator Company u Otis GmbH & Co. OHG, flimkien u in solidu: EUR 159 043 500;

(g) Schindler Holding Ltd u Schindler Deutschland Holding GmbH, flimkien u in solidu: EUR 21 458 250 u

(h) ThyssenKrupp AG, ThyssenKrupp Elevator AG, ThyssenKrupp Aufzüge GmbH u ThyssenKrupp Fahrtreppen GmbH, flimkien u in solidu: EUR 374 220 000.

Fil-Lussemburgu:

(i) Kone Corporation u KONE Luxembourg S.à.r.l., flimkien u in solidu: EUR 0;

(j) United Technologies Corporation, Otis Elevator Company, N.V. Otis S.A., General Technic-Otis S.à. r.l. u General Technic S.à.r.l., flimkien u in solidu: EUR 18 176 400;

(k) Schindler Holding Ltd u Schindler S.à.r.l., flimkien u in solidu: EUR 17 820 000; kif ukoll

(l) ThyssenKrupp AG, ThyssenKrupp Elevator AG u ThyssenKrupp Ascenseurs Luxembourg S.à.r.l., flimkien u in solidu: EUR 13 365 000.

Fl-Olanda:

(m) Kone Corporation Ltd u KONE B.V. Liften en Roltrappen, flimkien u in solidu: EUR 79 750 000;

(n) United Technologies Corporation, Otis Elevator Company u Otis B.V., flimkien u in solidu: EUR 0;

(o) Schindler Holding Ltd u Schindler Liften B.V., flimkien u in solidu: EUR 35 169 750;

(p) ThyssenKrupp AG u ThyssenKrupp Liften B.V., flimkien u in solidu: EUR 23 477 850 u

(q) Mitsubishi Elevator Europe B.V.: EUR 1 841 400.

24. L-impriżi elenkati fil-premessa preċedenti għandhom, b'mod immedjat, itemmu l-infrazzjoni tagħhom, sakemm dan m'għamluhx diġà. Huma għandhom jastjenu milli jirrepetu kwalunkwe att jew imġiba tan-natura ta' l-infrazzjoni misjuba f'dan il-każ, u minn kwalunkwe att jew imġiba li għandhom l-istess għan jew effett, jew li jkunu simili għalihom.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

KUMMISSJONI

Avviż ta' l-iskadenza ta' ċerti miżuri pendenti kontra d-dumping

(2008/C 75/11)

1. Il-Kummissjoni tinnotifika li, sakemm ma tinbediex reviżjoni skond il-proċedura li ġejja, il-miżuri anti-dumping imsemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella msemmija hawn taħt kif provdut fi l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1472/2006 tal-5 ta' Ottubru 2006 li jimponi dazju definittiv anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' żraben li għandhom il-parti ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Vjetnam ([1]).

2. **Il-Proċedura**

   Produtturi Komunitarji jistgħu jagħmlu talba bil-miktub għal reviżjoni. Din it-talba jrid ikollha biżżejjed evidenza li turi li l-iskadenza tal-miżuri probbabilment tirriżulta f' kontinwazzjoni jew repetizzjoni ta' dumping u ħsara.

   Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevedi l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż li jesporta u l-produtturi Komunitarji mbagħad jiġu pprovduti bl-opportunità li jsaħħu, jirribattu jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet li jinsabu fit-talba.

3. **Limitu ta' żmien:**

   Produtturi Komunitarji jistgħu jressqu talba bil-miktub għal reviżjoni fuq il-bażi msemmija hawn fuq, li trid jasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (L-Unità H-1), J-79 4/23, B-1049 Brussel ([2]) fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż preżenti iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa pubblikat skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 ([3]).

Prodott	Pajjiż(i) ta' l-oriġini jew ta' l-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' l-iskadenza
Żraben li għandhom il-parti ta' fuq tal-ġilda	Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Il-Vjetnam	Dazju anti-dumping	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006 (ĠU L 275, 6.10.2006, p. 1)	7.10.2008

([1]) ĠU L 275, 6.10.2006, p. 1.
([2]) Telefax (32-2) 295 65 05.
([3]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

AVVIŻ

Fis-26 ta' Marzu 2008, fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* C 75 A, se jiġi ppubblikat il-"Katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli — It-tieni suppliment għas-26 edizzjoni kompluta".

L-abbonati tal-Ġurnal Uffiċjali jistgħu jiksbu l-istess numru ta' kopji u verżjonijiet lingwistiċi ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali bħal dawk li jiksbu mingħajr ħlas. L-abbonati huma mitluba jirritornaw il-formola mehmuża hawnhekk, mimlija u bin-numru sħiħ ta' l-abbonament tagħhom (il-kodiċi jidher fuq ix-xellug ta' kull tikketta u jibda: O/…). Dan il-Ġurnal Uffiċjali se jibqa' disponibbli mingħajr ħlas għal sena mid-data ta' meta jiġi ppubblikat.

Non-abbonati jistgħu jordnaw dan il-Ġurnal Uffiċjali bi ħlas f'wieħed mill-uffiċini ta' bejgħ tagħna (ara http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

Dan il-Ġurnal Uffiċjali — bħall-Ġurnali Uffiċjali kollha (L, C, CA, CE) — jista' jiġi kkonsultat mingħajr ħlas online fuq http://eur-lex.europa.eu.

FORMOLA GĦALL-ORDNI

Office for Official Publications
of the European Communities
Subscription Department
2, rue Mercier
L-2985 Luxembourg
Fax (352) 29 29-42752

In-numru tar-reġistrazzjoni tiegħi huwa: O/……

Jekk jogħġbok ibgħatli … kopji mingħajr ħlas tal-**Ġurnal Uffiċjali C 75 A/2008** li għalihom jiena intitolat skond l-abbonament tiegħi.

Isem: ....

Indirizz: ....

....

Data: .... Firma: ....